MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

Il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 64.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

64.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

64.1.2 Is-Sindku ressaq xi korrezzjonijiet u dawn kienu approvati.

64.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 64.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

64.2.1 Is-Sindku informa li għandna xi applikazzjonijiet għall-bankini deħlin. Is-SE qalet li għada bla kwotazzjoni għall-porfido pero se terġa tkellem lil tal-ħanut.

64.2.2 Is-Sindku informa li hu kellu konversazzjoni mad-direttur tad-Dipartiment fejn ġie infurmat li għal-rwol ta- DPO saru u qed isiru korsijiet lis-SE, u f'dan id-dawl, is-Sindku qal qed jissuġerixxi li s-SE jieħu dan l-irwol u b'hekk niffrankaw ħafna flus. Is-SE qalet li hi tirrifjuta li toqgħod f'din il-kariga għax mhux xogħol li tifhem fih u għalhekk għadu għandu jkun xi ħadd speċjalizzat. Is-Sindku fakkar li saru u qed isiru korsijiet qabel xi ħadd jieħdu dak l-irwol allura tista tkun informata. Is-SE baqgħet tinsisti li ma tridx dik ir-responsabilita'.

64.2.3 Is-Sindku informa li Ms Michelle Vella aċċettat li tgħin lill-Kunsill fil-proġett tal-GAGF u wasalna sabiex noħorġu t-tender tal-kamra ta' fuq is-sala kif ukoll il-fanali tal-belvedere. Il-Kunsill qabel unanimament.

64.2.4 Is-Sindku informa li irċieva email mingħand il-Prinċipal tal-iskola fejn infurmah li b'mod immedjat, minħabba inċident partikolari, il-gates tal-iskola ser ikunu magħluqa kollha b'katnazz sakemm tiġi installata intercom, li nofsha għandu joħroġ l-ispejjeż tagħha l-Kunsill.

Is-Sindku informa li din m'hiex soluzzjoni prattika u se tħalli impatt negattiv ħafna kemm fuq l-istaff li jridu joqgħodu jiftħu huma kull darba li jiġi xi ħadd kif ukoll residenti li joqgħodu jistennew fit-triq. Is-SE qalet ukoll li l-Kunsill għandu staff limitat ħafna li jekk jiġri bħal ma ġara illum, li s-SE qiegħda ġurnata waħedha fl-uffiċċju – inkluż fil-laqgħa tal-Kunsill, dan jagħmilha impossibli li naqdu n-nies kif suppost. Wara diskussjoni sar qbil li tinkiteb email lura lill-Prinċipal

## 64.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

64.3.1 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet għandnies flus biżejjed sabiex nagħmlu Triq Wied il-Merill bl-asfalt. Is-SE qalet li għalkemm m'hemmx dejn kbir fil-finanzi, l-Kunsill ma jiflahx għall-spejjeż straordinarji bħal dawn, ġieli anke jekk ikunu funded għaliex il-Kunsill xorta irid joħroġ il-percentaġġ tiegħu.

64.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa saqsa jekk il-Kunsill nagħmlux registered letters għaliex infurmah resident li l-Kunsill ma jagħmilx. Is-SE qaltlu li l-Kunsill joffri servizz ta' registered letters u l-Kunsill stess jagħmel użu minnhu sabiex nibgħatu kuntratti reġistrati etc.

## 64.4 Unaudited Financials Statement 2023;

64.4.1 Is-SE qalet li l-accountant tal-Kunsill, Ms Michelle Grima iffinalizzat l-unaudited financials statements 2023 u se tipprezenthom. Dawn ġew approvati unanimament flimkien mal-quarterly financials statements tar-raba kwart 2023.

## 64.5 Summer Fun Club;

63.5.1 Is-Sindku qal li għall-darb oħra din is-sena jipproponi li jerġa jsir is-summer fun club. Is-Sindku talab lis-SE tiġbor l-ispejjeż kollha tas-sena l-oħra.Il-Kunsill qabel unanimament.

## 64.6 Sqaqien;

64.6.1 Is-Sindku qal li l-proġett ta' Sqaqien miexi ġmielu u hemm ħafna interess mill-pubbliku.

## 64.7 Lampa fi Trejqet il-Wilġa ta' Gidrin;

64.7.1 Is-Sindku ippropona li fi Treqjet il-Wilġa ta' Gidrin tiġi installata lampa għaliex hemm id dlam. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 64.8 Applikazzjonijiet Ġodda;

64.8.1 Is-Sindku qal li ħarġu applikazzjoni ġodda min-naħa tad-Dipartiment u għandna napplikaw. Is-SE qalet li għalkemm skemi huma ta' għajnuna għall-Kunsill, preżentament se jixtħu iktar piż finanzjarju fuq il-Kunsill. Is-SE kompliet tgħid li mid-dokumenti li għaddejna llum tal-financial stataments 2023, juri li l-Kunsill hu 1% biss fil-pożittivu għalhekk għandha tiġbed l-attenzjoni minħabba Artiklu 4(1)(C) tal-Financial Regualations.

Is-Sindku kompla jgħid li qabel l-Kunsill dejjem applika għall-iskemi u irnexxielna aħseb u ara issa li l-Kunsill qiegħed fil-pożittiv.

Is-Sindku issuġerixxa li napplikaw għall-skemi:

**SPI/SCI/02/2024** - *Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi* – Napplikaw għaċ-Ċentru Ċiviku l-ġdida;

**SPI/SCI/03/2024** - *Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa* – Napplikaw għall-clean up oħra u mechanical sweeper;

**SPI/SCI/05/2024** - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 - Napplikaw għall-Sqaqien (€30,000) ieħor jekk jirnexxi ta' Marzu, u tiżjien tal-Milied u spejjeż ġenerali(€4,000).

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 64.9 Travertine tal-Amphitheatre;

64.9.1 Is-Sindku ippropona li bil-fondi tal-planning gain napplikaw għat-travertine sabiex l-amphitheatre ikun imdawwar bih. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 64.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

64.10.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

64.10.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 64.11.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:15 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu 2024 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv